# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn**
**Sittax (16) ta’ Diċembru 2024**

**Rikors Numru 685/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Suzanne Busuttil (K.I. 19076M) u Brian Busuttil (K.I. 525373 M) f`ismu proprju u bħala Direttur f`isem u in rappreżentanza ta` Stealth Holdings Limited (C 26763)**

**Vs**

**1) Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili, 2) Francis Busuttil & Sons Limited (C334), 3) B & S Contractors Limited (C 552), 4) Franco Busuttil (K.I.11461M), 5) Michael Busuttil (K.I. 51261M), 6) Joseph Busuttil (K.I. 90968M), 7) Christian Busuttil (K.I. 199278M) u 8) Jean Paul Busuttil (K.I. 102172M), ilkoll fil-kwalita` tagħhom kollha bħala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, ħlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B & S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited; u għal kull interess li jista’jkollhom 9) Dr Joseph J.Vella (K.I.1018249M), 10) Dr Albert Grech (K.I.113649M), 11) P.L. Gerald Bonello (K.I.293969M), 12) Dr John Refalo, 13) P.L. Nicolette Aquilina di Noto u 14) P.L.Hilda Ellul-Mercer**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta’ Lulju 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

   1. *‘ILLI dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fir-rigward tar-rikors numru 12/2015 JZM fl-ismijiet "**Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et**", liema rikors ġie deċiż fit-30 ta' Marzu 2017, permezz tal-provvediment li kopja tiegħu qed jiġi hawn **anness u mmarkat Dok A.***

   2. *ILLI dan ir-rikors ser jargumenta s-segwenti:*

i. *Li l-kolonna f'isem "B&S Contractors Limited" fit-taxxa maħruġa mir-Reġistratur u li qiegħda hawn annessa u mmarkata Dok B, għandha tiġi mħassra għaliex l-istess B&S Contractors Limited irrispondiet għall-kawża u kienet rappreżentata flimkien mal-intimati l-oħra matul il-proċeduri kollha u allura tifforma parti mill-'et' fil-kolonna mmarkata "Francis Busuttil & Sons Limited et"; u*

ii. *Li anke li kieku, dato ma non concesso, jitqies illi d-diretturi kellhom d-dritt jirrispondu għall-kawża personalment, dan ifisser illi l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" għandha tiġi kkorreġuta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u tiġi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12.*

***Il-kolonna f'isem "B&S Contractors Limited" fit-taxxa maħruġa mir-Reġistratur u li qiegħda hawn annessa u mmarkata Dok B, għandha tiġi mħassra għaliex l-istess B&S Contractors Limited irrispondiet għall-kawża u kienet rappreżentata flimkien mal-intimati l-oħra matul il-proċeduri kollha u allura tifforma parti mill-'et' fil-kolonna mmarkata "Francis Busuttil & Sons Limited et".***

3. *ILLI hekk kif jirriżulta mill-preċitat provvediment (paġna 4 ta' Dok A), l-intimati kollha kienu ppreżentaw risposta fil-5 ta' Frar 2015 (fol 10 tal-ewwel volum tal-proċess). Fil-fatt il-provvediment jagħmel referenza għal tali risposta, bis-segwenti mod:*

   *"Rat ir-risposta **tal-intimati kollha** preżentata fil-5 ta' Frar 2015 li taqra hekk-"*

   *U hekk ukoll l-istess risposta tipproklama li hija "Risposta tal-intimati kollha" (ara **Dok C hawn anness).***

4. *ILLI in vista ta' dan, jingħad preliminarjament illi d-diretturi ta' B&S Contractors Limited, u cioe, Michael, Joseph, Christian u Jean Paul lkoll Busuttil, ġew imsejħin bħala intimati f'din il-kawża mhux personalment iżda fil-kwalita tagħhom ta' diretturi **f'isem il kumpannija** B&S Contractors Limited. Dan il-fatt joħroġ ċar ukoll mill-okkju tal-kawża li kien jaqra:*

   *"... ilkoll fil-kwalita tagħhom kollha bħala **diretturi f'isem** Francis Busuttil & Sons Limited u **B&S Contractors Limited**..."*

   *Dan ifisser illi bħala diretturi li jirrapreżentaw kumpannija, kellhom dritt jirrispondu għan-nom tal-istess kumpannija, kif fil-fatt għamlu nhar il-5 ta' Frar 2015, iżda kull direttur ma setgħax jagħmel ir-risposta tiegħu separata. Li kieku dan kien possibbli, il-Qorti setgħet ikollha ħames risposti differenti u possibbilment konfliġġenti mingħajr ma setgħet tkun taf liema minnhom kienet ser titqies bħala r-risposta tal-kumpannija. B'hekk billi l-kumpannija B&S Contractors Limited kienet diġa rrispondiet għall-kawża fil-5 ta' Frar 2015, ma kienx hemm lok li terġa' tirrispondi fid-9 ta' Frar 2015 **(ara Dok B u kopja tal-istess risposta***

***hawn anness u mmarkat Dok D)**, jew jekk xejn tali risposta kellha titqies bħala waħda ulterjuri u ntaxxata fl-istess kolonna mal-bqija tat-taxxa elenkata lill-istess B&S Contractors Limited flimkien mal-intimati l-oħra u mhux tiġi kkreata kolonna separata fit-taxxa. Dan għaliex, anke li kieku, wieħed mid-diretturi għoġbu jqabbad avukat ieħor għall-istess kumpannija, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti għandhom iħallsu darbtejn għall-ispejjeż professjonali ta' kumpannija **waħda** u dan skont l-Artikolu 32 tat-Tariffa A tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12:*

> *32. (a) Jekk ikun imqabbad iżjed minn Avukat wieħed mill-istess parti fl-istess kawża, kull wieħed mill-Avukati jkun intitolat għad-dritt sħiħ stabbilit:*
>
> *Iżda l-parti li tirbaħ il-kap tal-ispejjeż, għalkemm tkun qabdet izjed minn Avukat wieħed, ma jkollhiex dritt li titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wieħed sħiħ.*
>
> *(b) Meta f'kawża jkun hemm żewġ atturi jew iżjed jew żewġ konvenuti jew iżjed, kull waħda mill-partijiet ikollha dritt għall-Avukat jew Avukati tagħha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha; u l-parti kundannata li tħallas l-ispejjeż tkun marbuta li tħallas id-drittijiet xierqa tal Avukati kollha tan-naħa tar-rebbieħa sakemm ebda parti waħda ma titlob spejjeż ta' aktar minn Avukat wieħed.*

5. *ILLI b'hekk jiġi sottomess illi l-kolonna fit-taxxa annessa (Dok B) immarkata bħala "B&S Contractors Limited" ma kellha qatt teżisti għaliex B&S Contractors Limited kienet irrispondiet għall-kawża tramite l-avukat tagħha Dr Joseph J Vella, u baqgħet hekk rappreżentata matul il-proċeduri kollha. Jingħad ukoll illi anke li kieku kellu jiġi aċċettat illi kien id-direttur Jean Paul Busuttil waħdu li fittex rappreżentanza ulterjuri, peress illi dan kien intimat biss f'isem il-kumpannija B&S Contractors Limited, u mhux personalment, dan qatt ma seta' jsir, għaliex hu seta' biss jirrapreżenta l-kumpannija, liema kumpannija kienet diġa rrappreżentata, mhux l-inqas minn tlieta minn ħamsa mid-diretturi tagħha. Jingħad ukoll illi lanqas ma seta' Jean Paul Busuttil waħdu jaġixxi għall-kumpannija peress illi ma kienx vestit bir-rappreżentanza tal-istess (ara Dok E) u allura r-risposta tiegħu, peress illi seta' jaġixxi biss bħala direttur u mhux personalment, u peress illi ma setgħax jaġixxi waħdu għan-nom tal-istess kumpannija ma messhiex ġiet aċċettata bħala risposta separata għall-istess kumpannija.*

6. *ILLI fil-fatt il-provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017, ma jsemmi ebda risposta oħra fil-parti tagħha fejn hija telenka liema atti u provi analizzat sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha, ħlief ir-risposta tal-5 ta' Frar 2015. Wieħed jassumi li dan huwa għaliex kull ma kellha bżonn il-Qorti, kien il-posizzjoni tar-rikorrenti u l-posizzjoni tal-kumpanniji intimati.*

7. *ILLI b'hekk jiġi sottomess li l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" fit-taxxa annessa għandha tiġi mħassra.*

***ii. Anke li kieku, dato ma non concesso, jitqies illi d-diretturi kellhom d-dritt jirrispondu għall-kawża personalment, dan ifisser illi l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" għandha tiġi kkorreġuta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u tiġi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12.***

8. *ILLI bla preġudizzju għal dan kollu, dato ma non concesso li d-diretturi kellhom jitqiesu bħala konvenuti f'isimhom propju (ħaġa li l-esponenti jopponu), allura r-risposta tad-9 ta Frar 2015, dejjem bla preġudizzju għal dak diġa argumentat, kellha titqies risposta ta' Jean Paul Busuttil, bħala direttur tal-B&S Contractors Limited, iżda pero mhux għan-nom u/jew in rappreżentanza tal-istess B&S Contractors Limited; fil-fatt jidher mill-estratt tas-sit elettroniku tal-MFSA* ***hawn anness u mmarkat Dok E*** *illi r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpanija B&S Contractors Limited hija vestita f'Joseph Busuttil (I.D. 90968M) u allura ma setgħax, Jean Paul Busuttil waħdu jaġixxi għan-nom tal-kumpannija.*

9. *ILLI għalhekk, l-esponenti jissottomettu bir-rispett, illi r-Reġistratur ma kienx floku li jelenka kolonna separata għas-soċjeta' B&S Contractors Limited fit-taxxa annessa (Dok B) u dan għaliex l-istess soċjeta' kienet diġa' rrispondiet għat-talbiet attriċi permezz tar-risposta ppreżentata fil-5 ta' Frar 2015 u baqgħet hekk irrappreżentata matul il-proċeduri kollha. Għalhekk, se mai jekk il-Qorti togħġobha tqis illi direttur waħdu kellu d-dritt illi jirrispondi personalment għal din il-kawża, it-taxxa li kellha tinħareġ, messha kienet a favur tad-direttur u mhux ukoll tal-kumpannija.*

10. *ILLI kien fil-fatt is-Sur Jean Paul Busuttil illi jidher li biddel ir-rappreżentanza legali tiegħu wara li ġiet ippreżentata din ir-risposta. Fil-fatt l-ewwel risposta ppreżentata fil-5 ta Frar 2015 (u dik li jidher illi rat il-Qorti qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha ġustament għaliex irrappreżentat l-opposizzjoni sħiħa tal-intimati kollha) saret għan-nom tal-intimati kollha inkluż Jean Paul Busuttil: fil-fatt jidher mill-verbal tal-ewwel dehra tal-24 ta' Frar 2015 (hawn anness u mmarkat Dok F) illi kien dakinhar biss illi Dr Joseph J. Vella irrinunzja għall-patroċinju ta' Jean Paul Busuttil. Il-verbal jgħid ċarament:*

*"Dr Vella, b'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati kollha ħlief għal Jean Paul Busuttil, li tiegħu Dr Vella qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju, jirrileva illi d-deċiżjoni li tirreferi għaliha l-eċċezzjoni, hija l-interim order..."*

*Peress illi din kienet l-ewwel dehra (fejn fil-fatt Jean Paul Busuttil ġie rappreżentat minn Dr John Refalo), li kieku r-risposta tal-5 ta' Frar 2015 ffirmata mill-istess Dr Vella ma kinitx ukoll għan-nom ta' Jean Paul Busuttil, Dr Vella ma kien ikollu ebda skop li jirrinunzja għall-patroċinju tiegħu li kieku ma kienx diġa, permezz tar-risposta ppreżentata fil-5 ta' Frar 2015, jippattroċinah.*

11. *ILLI għalhekk jidher illi l-kolonna fit-taxxa annessa li qiegħda preżentament immarkata bħala dik ta' "B&S Contractors Limited" għandha tiġi emendata sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u dan għaliex, it-taxxa kif inhi llum qiegħda tagħti lok għal doppja spejjeż peress illi l-avukat Dr Joseph J Vella (li kien irrinunzja għall-patroċinju ta' Jean Paul Busuttil) qiegħed jippretendi l-ħlas għall-kolonna erronjament immarkata "B&S Contractors Limited", meta din il-kolonna kellha tiġi mmarkata "Jean Paul Busuttil", li se mai, għandu jitħallas tiegħu l-Avukat Dr John Refalo.*

12. *ILLI di piu, l-Artikoli 32 (fuq ċitat), 33, 34 u 35 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12 jipprovdu:*

> *33. Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:*
>
> > *i. wara li r-rikors jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;*
> >
> > *ii. wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, jkun intitolat għal żewg terzi tad-dritt normali.*
>
> *34. Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wieħed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tiġi deċiża l-kawża jkun daqs id-differenza bejn id-dritt sħiħ u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat. Id-dritt li għandu jitħallas lit-tielet Avukat jew Avukat ieħor li jiġi wara, għandu dejjem ikun ta' terz tad-dritt sħiħ.*
>
> *35. F'kull każ li jaqa' taħt il-paragrafi 33 u 34, il-parti li tqabbad iżjed minn Avukat wieħed, wieħed wara l-ieħor, li tkun fin-naħa rebbieħa, ma tistax titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wieħed sħiħ.*

*13. ILLI in vista ta' dawn l-Artikoli, peress illi Jean Paul Busuttil, kien diġa' permezz tar-risposta ppreentata fil-5 ta' Frar 2015, ipprezenta risposta tramite l-Avukat Dr Joseph J. Vella, dan ifisser illi anke wara li l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" tiġi kkorreġuta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil", l-ammont reklamat fit-taxxa għad-dritt tal-avukat f'din il-kolonna (u konsegwentament tal-P.L. ukoll) għandha tiġi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 hawn fuq iċċittat, u dan peress illi Dr John Refalo, li deher għal Jean Paul Busuttil, kien fil-fatt irrappreżenta l-istess wara li diġa' kienet ġiet ippreżentata r-risposta tiegħu. B'hekk ir-risposta ppreżentata fid-9 ta' Frar 2015 għandha titqies bħala r-risposta ulterjuri ta' Jean Paul Busuttil.*

*GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili fil-kawża* ***"Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et"*** *Rikors numru 12/2015 JZM stante li hija bbażata fuq suppożizzjoni erroneja ta' dritt u ta' fatt u tħassar u tirrevoka*

*wkoll id-drittijiet kollha indikati fl-istess taxxa u minflok tordna li l-kolonna mmarkata bħala "B&S Contractors Limited" tiġi mħassra kompletament, jew fin-nuqqas, li tiġi mmarkata bħala "Jean Paul Busuttil", u d-dritt tal-avukat f'din l-istess kolonna tiġi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 hawn fuq ċitat u dan taħt kull provvediment li jidrilha li hu xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż.'*

2. Rat illi fit-13 ta' Settembru 2017, l-intimati **Francis Busuttil & Sons Limited (C334), B & S Contractors Limited (C 552), Franco Busuttil (K.I.11461M), Michael Busuttil (K.I. 51261M), Joseph Busuttil (K.I. 90968M), Christian Busuttil (K.I. 199278M), Dr Joseph J. Vella (K.I.1018249M), Dr Albert Grech (K.I.113649M), P.L. Gerald Bonello (K.I.293969M),** minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-intimat Francis Busuttil & Sons et" laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi din hija r-risposta tal-esponenti għat-talba għar-ritassar tal-kawża numru 12/15 JZM fl-ismijiet "Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et", liema kawża inbdiet permezz tar-Rikors ta' Suzanne Busuttil et li kien ġie preżentat fis-7 ta' Jannar 2015 (Dok. "FBS 1") u liema kawża ġiet deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2017.*

   2. *Illi bit-tassassjoni li ssir wara li tiġi mogħtija sentenza jiġu determinati żewġ serji ta' rapport patrimonjali; wieħed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' eżekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-ieħor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu eżekuttiv huwa t-taxxa (vide s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Frar 1946 fl-ismijiet "***John Falzon ne. vs Dr. Giuseppe Vella ne. et.***")*.

   3. *Illi għalhekk preliminarjament, ir-rikors promotur tal-kawża odjerna huwa impostat inkorrettement għaliex l-Avukat Dottor Patrick Galea u l-Prokuratur Jean Pierre Busuttil (li kienu l-Avukat u l-Prokuratur Legali tar-rikorrenti fil-kawża li nbdiet permezz tar-Rikors ta' Suzanne Busuttil et li kien ġie preżentat fis-7 ta' Jannar 2015 (Dok. "FBS 1")) kellhom ukoll jkunu rikorrenti (u mhux biss sempliċi firmatarji bħala Avukat u Prokuratur Legali fil-kawża odjerna). Għalhekk jiġi eċċipit in-nullita' ta' l-istess rikors promotur tal-proċedura odjerna.*

   4. *Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit qed issir referenza għall-artikolu 32(b) tat-Tariffa E li tal-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid:*

      *"Meta f'kawża jkun hemm żewġ atturi jew iżjed jew żewġ konvenuti jew iżjed, kull waħda mill-partijiet ikollha dritt għall-Avukat jew Avukati tagħha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha; u l-parti kundannata li tħallas l-ispejjeż tkun marbuta li tħallas id-drittijiet xierqa tal-Avukati*

*kollha tan-naħa tar-rebbieħa sakemm ebda parti waħda ma titlob spejjeż ta' aktar minn Avukat wieħed."*

5. *Illi skond ir-rikorrenti odjerni (vide paragrafu numru 4 a fol 2 tar-Rikors promotur tal-kawża odjerna) huma elenkaw diversi mill-intimati fil-kawża numru 12/2015 JZM bħala intimati f'dik il-kawża fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi f'isem tal-kumpanniji intimati Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited. Minn hawn jsegwi li l-intenzjoni kienet għalhekk li l-leġittimi kontraditturi f'dik il-kawża kellhom jkunu BISS* ***l-imsemmija Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited*** *u mhux id-diversi persuni l-oħra li ġew indikati bħala intimati fl-okkju ta' dik il-kawża.*

6. *Illi fil-fatt minn ħarsa lejn it-talba magħmula lil dina l-Onorabbli Qorti fir-Rikors ta' Suzanne Busuttil et (promotur tal-kawża numru 12/2015 JZM (Dok. "FBS 1") jirriżulta li dik il-kawża saret biss biex dina l-Onorabbli Qorti "tagħti rimedju a tenur tal-Art 402 tal-Companies Act, billi twaqqaf jew tħassar u twaqqaf il-bejgħ u t-trasferiment ta' l-assi u l-business ta' B&S Contractors Limited lil Francis Busuttil & Sons Limited Group, u tagħti kull direttiva u provvediment li jidhrulha xierqa" u m'hijiex indirizzata lejn l-ebda waħda mill-intimati l-oħra ċitati fl-imsemmi rikors promotur.*

7. *Illi dan il-fatt huwa sottolineat aktar bin-notifiki li saru in konnessjoni mar-rikors promotur. Hekk kif jixhed l-anness Dok. Dok. "FB 4" in-notifika tar-rikors promotur oriġinali ta' l-2015 sar lil* ***żewġ intimati*** *BISS -* ***B&S Contractors Limited u lil Francis Busuttil & Sons Limited****!*

8. *Illi għalhekk jidher biċ-ċar, kif ingħad aktar 'il fuq, li dik il-kawża (12/2015 JZM) kienet indirizzata lil żewġ kontendenti biss, ċioe'* ***B & S Contractors Limited*** *u lil* ***Francis Busuttil & Sons Limited Group****.*

9. *Illi għal dawn iż-żewġ intimati (B&S Contractors Limited u Francis Busuttil & Sons Limited), mill-bidu nett tal-kawża numru 12/2015 JZM sat-tmiem tagħha, baqgħu jidhru għalihom l-Avukati Dottor Joseph J Vella u Dottor Albert Grech.*

10. *Illi minn dan kollu jirriżulta li, fuq it-taxxa mertu ta' din il-kawża (Dok. "B" anness mar-Rikors promotur ta' din il-kawża) ġiet mogħtija mir-Reġistratur kolonna waħda a favur tal-atturi u ġew mogħtija żewġ kolonni a favur tal-intimati, u ċioe' dawk intitolati "Francis Busuttil & Sons. Ltd. Et" u B&S Contractors Ltd." Dawn il-kolonni korrettement jirrappreżentaw ir-relazzjoni patrimonjali bejn il-litiganti prinċipali fil-kawża numru 12/2015 JZM u kellhom u għandhom jwasslu biex is-sentenza finali tiġi eżegwita kontra l-parti telliefa fil-kawża.*

11. *Illi l-impostar tar-rikors promotur tal-kawża numru 12/2015 JZM (inkluż l-okkju) tant ma kienx feliċi (in kwantu li ssemmew, forsi inutilment numru kbir ta' konvenuti ilkoll fil-kwalita` tagħhom kollha bħala diretturi f`isem tal-kumpanniji intimati li tagħhom kienu diretturi) li fetaħ il-bibien għal*

*possibilita' li jiġu ppreżentati numru ta' risposti minn oħra oltre dawk tal-kontendenti prinċipali f'dik il-kawża.*

12. *Illi fil-fatt kien proprju dak li ġara stante li jidher li ġew ppreżentati ŻEWĠ risposti - fil-5 ta` Frar 2015 ġiet preżentata r-risposta ta' l-intimati kollha. Din tinstab a fol. 10 tal-proċess. Kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "FBS 2", u fid-9 ta` Frar 2015 ġiet preżentata r-risposta ta' Jean Paul Busuttil (ID 102172M) bħala direttur ta' B & S Contractors Limited. Din tinstab a fol. 13 tal-proċess. Kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "FBS 3", għall-preżentata ta' liema tieni Risposta da parti ta' Jean Paul Busuttil, Suzanne Busuttil et QATT ma pprotestaw!*

13. *Illi tant kienet superfluwu u bla bżonn ir-Risposta ta' Jean Paul Busuttil tad-9 ta` Frar (Dok. "FBS 3") li dina l-Onorabbli Qorti lanqas semmietha fil-provvediment finali tagħha tat-30 ta` Marzu 2017 (Dok. "A" anness mar-Rikors promotur ta' din il-kawża ta' ritassa);*

14. *Illi minħabba f'hekk, jista' jkun li r-Reġistratur seta', apparti l-kolonni li jidhru fuq it-taxxa mertu tal-kawża odjerna, żied ukoll kolonna oħra a favur ta' Jean Paul Busuttil li, sforz tal-mod ekwivoku li ġie impostat l-okkju tar-rikors promotur tal-kawża numru 12/2015 JZM, ippreżenta r-Risposta tiegħu kif fuq ingħad.*

15. *Illi jekk tassew Jean Paul Busuttil kellu interess li jiġu ntaxxati d-drittijiet u l-ispejjeż li hu għamel fil-kawża numru 12/2015 JZM allura kellu d-dritt li jitlob li dawn jiġu ntaxxati ukoll u li jingħata għalih kolonna fit-taxxa maħruġa fir-rigward tal-kawża numru 12/2015 JZM. Naturalment, wara kien jkun kompitu tal-Qorti li tara jekk tali talba tkunx waħda valida u ġustifikata.*

*Daqstant għandhom x'jwieġbu l-esponenti f'dan l-istadju.*

*Bl-ispejjeż u bir-riżerva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-esponenti.'*

3. Rat ir-risposta ġuramentata ta' **Jean Paul Busuttil (K.I.102172M), Dr John Refalo u l-prokuratur legali Nicolette Aquilina de Noto** tat-3 ta' Ottubru 2017, li permezz tagħha eċċepew:

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa fl-interita tagħhom ħlief iżda li l-esponenti ma għandhomx ibatu l-ispejjeż ta'din il-proċedura, stante li r-risposta li ġiet intavolata fid-9 ta' Frar 2015 kienet ġiet intavolata minn Jean Paul Busuttil kif imħarrek u mhux mill-kumpannija B&S Contractors Limited. B&S Contractors Limited ippreżentat ir-risposta tagħha fil-5 ta' Frar 2015 iffirmata minn Dr. JJ Vella.*

*Illi jidher li t-taxxa hija affetta minn sempliċi żball tal-pinna (u mhux ta' komputazzjoni) liema żball jirriżulta mill-atti u l-esponent jifhem li r reġistatur messu għamel il-korrezzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' ebda kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.'*

4. Rat **ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tal-4 t'Ottubru 2017** li permezz tagħha eċċepixxa:

   1. *Illi din hija kawża ta' ritassa ai termini tal-*Art 64 tal-Kap. 12 *magħmula mill-atturi fir-rigward tal-kawża bin-numru 12/15 JZM fl-ismijiet Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et deċiża fit-30 ta' Marzu, 2017.*

   2. *Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia minħabba dawn ir-raġunijiet:*

      a) *Illi kwantu għall-ilment tar-rikorrenti numru (2.1) li l-kolonna f'isem"B&S Contractors Ltd" fit-taxxa li qed tiġi attakkata għandha tiġi mħassra peress li din il-kumpanija irrispondiet flimkien mal-intimati oħra, jingħad li mill-proċess is-soċjeta` B&S Construction Ltd ippreżentat risposta f'isimha proprju fid-9/2/2015 u l-avukat tagħha ipparteċipa fil-kawża tant li ppreżenta atti f'isem l-istess soċjeta'. Dan wassal biex inħareġ rendikont tal-ispejjeż tas-soċjeta' kif indikat fl-istess taxxa.*

      b) *Illi nonostante dak li jgħidu r-rikorrenti, huwa ċar li fid-9/2/2015 ġiet ippreżentata risposta, liema risposta qatt ma ġiet sfilzata, anzi ħadd ma talab għall-isfilz u għalhekk saret parti mill-atti. Dan wassal biex skattaw id-drittijiet kontemplati fit-Tariffi annessi mal-Kap. 12 kif fuq kollox hija ibbażata l-istess taxxa.*

      c) *Illi fil-paragrafu 10 tar-rikors promutur ir-rikorrenti jagħmel referenza għall-verbal tal-24/2/2015 fejn Dr J.J.Vella rrinunzja għall-patroċinju ta' Jean Paul Busuttil. Dan il-fatt jikkontradixxi kull ma qed jgħid ir-rikorrenti fis-sens li dan il-fatt waħdu jfisser li l-istess Jean Paul Busuttil kellu lok fil-kawża. Il-fatt li l-Qorti ħalliet lill-istess Jean Paul Busuttil jippreżenta eċċezzjonijiet mingħajr ma talab permess tal-istess Qorti, ifisser li kien għadu ma ppreżenta ebda risposta għax altrimenti kien ikollu jitlob il-permess tal-Qorti biex jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri.*

      d) *Illi dwar jekk il-kolonna kellhiex tiġi intestata Jean Paul Busuttil jew B&S Construction Ltd huwa għal kollox superfluwu anke peress li r-rikorrenti jaf fil-fatt għal min jirreferu l-intestaturi li huma mniżżlin fit-taxxa.*

   3. *Illi għalhekk huwa ċar illi t-taxxa de quo hija maħduma korrettement u hija valida għaliex ġiet emessa skont il-liġi u kwindi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.'*

**Ikkunsidrat**

5. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2020, dina l-Qorti, diversament komposta, laqgħet it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Francis Busuttil & Sons Limited et, u għalhekk għaddiet biex ċaħdet ir-rikors odjern.

6. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022, wara appell intavolat mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell għaddiet biex irrevokat is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2020 u rimettiet l-atti quddiem il-Qorti. Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid:

> *9. L-Avukat Dr Patrick Galea u l-PL Jean Pierre Busuttil ma kellhom l-ebda interess li jkunu atturi f'din il-kawża ta' ritassa, ġialadarba l-ilment tal-atturi m'għandu x'jaqsam xejn mad-dritt tagħhom. Kif rajna l-kwistjoni hi limitata għal dik il-parti tat-taxxa li tirreferi għall-kolonna intestata B & S Contractors Limited. Il-kliem fl-Art. 64(2) tal-Kap.12 hu ċar li, "Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikat lil kull min ikollu interess fih". Ġialadarba l-ilment tal-atturi mhuwiex fuq id-dritt tal-Avukat Dr Galea u l-PL Busuttil, m'għandhom l-ebda interess fit-talba għar- ritassa.*
>
> *10. Fit-tweġiba li ppreżentaw il-konvenuti ma qalu xejn li jista' jbiddel il-fehma ta' din il-Qorti, u anzi hi konvinta li l-eċċezzjoni hi fiergħa.*
>
> *Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-atturi u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2020, u tiċħad it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Francis Busuttil & Sons Limited et. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess konvenuti.*
>
> *Tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-proċeduri.*

7. Rat illi fl-20 ta' Diċembru 2022, il-kawża reġgħet ġiet riappuntata għas-smigħ quddiem din il-Qorti, diversament komposta.

8. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2023, il-Qorti, kif diversament komposta, astjeniet milli tisma' l-każ abbażi tal-Artikolu 734 (1) (d) (i).

9. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2023 il-kawża ġiet assenjata lil dina l-Qorti, kif komposta.

10. Rat illi fit-18 ta' Diċembru 2023 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-16 ta' Jannar 2024.

11. Rat illi saru n-notifiki lill-partijiet kollha bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' April 2024 (fol 21), kif ukoll fil-gazzetta The Malta Independent fit-13 ta' Mejju 2024 u fl-Orizzont fil-15 ta' Mejju 2024.

12. Rat illi fis seduta tat-3 ta' Ġunju 2024, wara illi ma deher ħadd mill-intimati, l-konsulent legali tar-rikorrenti talab li l-kawża titħalla għas-sentenza.

13. Rat illi għalhekk, fit-3 ta' Ġunju 2024, il-kawża odjerna tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

14. Jirriżulta illi l-kawża odjerna tirrigwarda talba għal ritassa għal Taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti fl-24 ta' April 2017 wara li l-kawża fl-ismijiet '*Suzanne Busuttil et pro et noe vs Francis Busuttil & Sons et noe*' kienet ġiet deċiża fit-30 ta' Marzu 2017.

15. Jirriżulta illi l-ilment tar-rikorrenti Suzanne Busuttil et hija fis-sens illi t-taxxa kif maħruġa, fejn jirrigwarda d-dritt tal-Avukat, hija żbaljata, peress illi, fejn ġie għall-komputazzjoni tad-drittijiet ta' l-intimati, huwa ikkomputa d-drittijiet dovuti lis-soċjeta' B&S Contractors Limited separatament minn Francis Busuttil & Sons Ltd et, meta attwalment lkoll kienu għamlu difiża flimkien.

16. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti jikkontendu wkoll illi, semmai, id-dritt kellu jiġi komputat għall-intimati Francis Busuttil & Sons Ltd et kif ukoll, semmai, għal Jean Paul Busuttil, u mhux B&S Contractors Limited, peress illi l-istess Jean Paul Busuttil, għalkemm oriġinalment patroċinat mill-istess Avukat ta' l-intimati Francis Busuttil & Sons Limited, sussegwentement għażel illi jkun patroċinat minn Avukat ieħor, li ppreżenta risposta għalih ukoll, wara illi kienet ġia ġiet ippreżentata risposta għan-nom tiegħu mill-ewwel Avukat – għalhekk, jikkontendu illi d-dritt, semmai, dovut lil Jean Paul Busuttil, kellu jkun ta' żewġ terzi abbażi tal-Artikolu 33 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12, li jirrigwarda d-drittijiet tal-Avukati.

17. Jirriżulta illi filwaqt li l-intimati Jean Paul Busutil, Dr John Refalo u l-PL Nicholette Aquilina Di Noto qabel l-intimati Francis Busuttil & Sons Limited et kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qorti, ma qablux.

18. Jirriżulta, di fatti, illi l-intimati Francis Busuttil & Sons Limited et saħqu illi, minkejja illi r-rikorrenti kienu għażlu illi jħaddlu ħafna intimati fil-każ 12/2015 JZM, attwalment l-uniċi żewġ intimati kienu Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, u għalhekk it-taxxa kif maħruġa kienet korretta. Madanakollu, stqarr illi stante li Jean Paul Busuttil ippreżenta risposta, kellu jkun hemm kolonna oħra għalih.

19. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-Reġistratur tal-Qorti ikkontenda illi t-taxxa kif maħruġa kienet waħda korretta, stante illi fid-9 ta' Frar 2015, fl-atti tal-kawża 12/2015 JZM, is-soċjeta' B& S Construction Limited kienet ippreżentat risposta.

**Ikkunsidrat**

20. Mid-dokumentazzjoni kollha ppreżentata quddiem dina l-Qorti, jirriżultaw is-segwenti fatti:

    a. Fil-5 ta' Frar 2015, ġiet ippreżentata "***risposta ta' l-intimati kollha***" mill-Avukati Dr Joseph J Vella u Dr Albert Grech. Il-Qorti tifhem illi l-intimati kollha huma s-seba' intimati indikati fl-okkju tar-risposta innifisha, ossija is-segwenti:

        (1) Francis Busuttil & Sons Limited (C334),
        (2) B & S Contractors Limited (C 552),
        (3) Franco Busuttil (K.I.11461M),
        (4) Michael Busuttil (K.I. 51261M),
        (5) Joseph Busuttil (K.I. 90968M),
        (6) Christian Busuttil (K.I. 199278M) u
        (7) Jean Paul Busuttil (K.I. 102172M),

ilkoll fil-kwalita` tagħhom kollha bħala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, ħlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B & S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited.

b. Fid-9 ta' Frar 2015, daħlet **<u>risposta ta' Jean Paul Busuttil</u>** bħala direttur ta' B&S Contractors Limited, ippreżentata mill-Avukati Dr John Refalo u Dr Jennifer Shaw.

c. Fl-ewwel seduta tal-kawża, ossija fl-24 ta' Frar 2015, l-konsulent legali ta' Francis Busuttil & Sons Limited ivverbalizza s-segwenti:

> *Dr Vella, b'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati kollha ħlief għal Jean Paul Busuttil, **<u>li tiegħu Dr Vella qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju</u>**, jirrileva illi "d-deċiżjoni" li tirreferi għaliha l-eċċezzjoni, hija l-interim order illi din il-Qorti stess kienet tat fil-11 ta' Novembru 2014 fir-rikors numru 642/12/2JZM fl-ismijiet 'Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et'.*

d. Jirriżulta wkoll, mill-verbal ta' l-istess seduta, illi Dr John Refalo, għan-nom ta' Jean Pierre Busuttil, iddikkjara illi ma kellux provi xi jressaq.

**Ikkunsidrat**

21. Mill-fatti kif fuq elenkati, jidher ċar illi l-konsulenti legali Dr Joseph J. Vella u Dr Albert Vella kienu flimkien ippreżentaw l-eċċezzjonijiet għas-**sebgħa (7)** intimati lkoll flimkien, li kienu għalhekk jinkludu kemm is-soċjeta' Francis Busuttil & Sons kif ukoll is-soċjeta' B&S Contractors Limited, u kienu jinkludu wkoll lil Jean Paul Busuttil.

22. Jidher ċar ukoll illi, qabel l-ewwel seduta, Jean Paul Busuttil ippreżenta eċċezzjonijiet f'ismu proprju, tramite l-konsulenti legali tiegħu Dr John Refalo u Dr Suzanne Shaw.

23. Jidher, finalment, illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2015, l-konsulenti legali Dr Joseph J Vella u Dr Albert Vella irrinunzjaw mill-patroċinju ta' Jean Paul Busuttil, u għalhekk baqgħu jidhru għal sitt (6) intimati biss.

24. Jidher ċar, għalhekk, illi a differenza ta' dak dikjarat mir-Reġistratur tal-Qorti, ma huwiex minnu illi s-soċjeta' B & S Contractors Limited ippreżentat eċċezzjonijiet fid-9 ta' Frar 2015 – attwalment, kien Jean Paul Busuttil **<u>bħala direttur ta' B&S Contractors Limited</u>** illi ppreżenta eċċezzjonijiet.

25. Jidher ċar ukoll, a differenza ta' dak dikjarat mill-intimati Francis Busuttil & Sons Ltd, illi kemm is-soċjeta' Francis Busuttil & Sons Limited, kif ukoll is-soċjeta' B & S Contractors Limited, ippreżentaw **<u>risposta waħda</u>** minn l-istess Avukati.

26. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt illi fit-taxxa kellu jkun hemm kolonna waħda intestata Francis Busuttil & Sons Limited et, illi kellha tinkludi s-sitt intimati li baqgħu patroċinati minn Dr Vella u Dr Grech, kellu jkun hemm ukoll kolonna oħra intestata Jean Paul Busuttil.

27. Jirriżulta wkoll illi, fejn jirrigwarda d-dritt legali ta’ Jean Paul Busuttil, a tenur tal-Artikolu 33 tat-Tariffa E, l-Avukati Dr Joseph J Vella u Dr Albert Grech kienu intitolati għal **terz tad-dritt normali** tagħhom fejn jirrigwarda Jean Paul Busuttil, filwaqt illi l-Avukati Dr John Refalo u Dr Suzanne Shaw kienu intitolati għal **żewġ terzi tad-dritt normali** tagħhom.

28. Jirriżulta, għalhekk, illi t-taxxa kif maħduma hija żbaljata u fil-kolonna tal-Konvenut bħalissa indikata bħala B&S Contractors Ltd, il-kliem “*B&S Contractors Ltd*” għandhom jinbidlu bil-kliem “*Jean Paul Busuttil*”, filwaqt illi fid-dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali tal-kolonna ta’ Jean Paul Busuttil, id-dritt hemm indikat għandu jiġi ridott għal żewġ terzi (2/3) tal-valur presentement indikat.

29. Jirriżulta wkoll illi, fejn jirrigwarda d-dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali ta’ Francis Busuttil & Sons Limited, għandu jkun hemm varjazzjoni sabiex jirrifletti dritt ridott minn sebgħa intimati għal sitt intimati fejn imbagħad miegħu għandu jiżdied terz tad-dritt ta’ Jean Paul Busuttil.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimati Jean Paul Busuttil, Dr John Refalo u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina Di Noto;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimati l-oħra kollha, u għalhekk:

**Tordna** illi t-Taxxa Finali tal-kawża 12/2015 maħruġa fl-24 ta’ April 2017 tiġi maħruġa mill-ġdid fejn ir-Reġistatur huwa ordnat jagħmel il-korrezzjonijiet kif indikati fil-paragrafi 28 u 29 aktar ‘il fuq.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**